Opinjoni tal-Kumitat Konsultattiv dwar il-fużjonijiet

fil-laqgħa tiegħu tat-28 ta' Ġunju 2019

dwar abbozz ta' deċiżjoni preliminari b'rabta mal-

Każ M.8864 — Vodafone/Certain Liberty Global Assets

Relatur: Il-Latvja

(2019/C 382/05)

Ġurisdizzjoni

1. Il-Kumitat Konsultattiv (15-il Stat Membru) jaqbel mal-Kummissjoni li t-tranżazzjoni notifikata tikkostitwixxi konċentrazzjoni fis-sens tal-Artikolu 3(1)(b) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 tal-20 ta' Jannar 2004 dwar il-kontroll tal-konċentrazzjonijiet bejn l-impriżi ("ir-Regolament dwar l-Għaqdiet") ([1]).

2. Il-Kumitat Konsultattiv (15-il Stat Membru) jaqbel mal-Kummissjoni li l-operazzjoni notifikata għandha dimensjoni tal-Unjoni f'konformità mal-Artikolu 1(2) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet.

Definizzjoni tas-suq

3. Il-Kumitat Konsultattiv (15-il Stat Membru) jaqbel mal-konklużjonijiet li ntlaħqu mill-Kummissjoni fl-abbozz tad-Deċiżjoni fir-rigward tad-definizzjoni tal-prodotti u tas-swieq ġeografiċi rilevanti għal:

   a. Il-provvista bl-imnut ta' servizzi ta' telefonija fissa;

   b. Il-provvista bl-imnut ta' servizzi ta' aċċess fiss għall-Internet;

   c. Il-provvista bl-imnut ta' servizzi ta' telekomunikazzjoni mobbli;

   d. Il-provvista bl-imnut ta' servizzi tat-TV;

   e. Il-provvista bl-imnut ta' trażmissjoni tas-sinjal tat-TV fil-Ġermanja;

   f. Il-provvista bl-imnut ta' servizzi multiple play;

   g. Servizzi bl-imnut ta' konnettività tan-negozju;

   h. Servizzi bl-imnut ta' hosting fuq l-Internet;

   i. Servizzi bl-ingrossa ta' terminazzjoni ta' telefonati fuq netwerks fissi;

   j. Linji mikrija bl-ingrossa;

   k. Terminazzjoni bl-ingrossa u hosting ta' sejħiet lejn numri mhux ġeografiċi;

   l. Il-forniment bl-ingrossa ta' tranżitu ta' telefonati domestiċi fuq netwerks fissi;

   m. Servizzi bl-ingrossa ta' operaturi internazzjonali;

   n. Servizzi ta' konnettività tal-Internet bl-ingrossa;

   o. Aċċess u oriġinazzjoni ta' telefonati fuq netwerks mobbli bl-ingrossa;

   p. Is-suq bl-ingrossa għat-terminazzjoni ta' telefonati fuq netwerks mobbli;

   q. Servizzi ta' roaming internazzjonali bl-ingrossa;

   r. Provvista bl-ingrossa u l-akkwist ta' stazzjonijiet tat-televiżjoni;

   s. Trażmissjoni tas-sinjal tat-TV bl-ingrossa;

   t. It-twassil tas-sinjal televiżiv intermedjarju fil-Ġermanja;

   u. Il-liċenzjar u l-akkwist ta' drittijiet tax-xandir ta' kontenut tat-televiżjoni.

([1]) ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1.

Il-valutazzjoni kompetittiva

4. Il-Kumitat Konsultattiv (15-il Stat Membru) jaqbel mal-valutazzjoni tal-Kummissjoni li t-tranżazzjoni notifikata twassal għal impediment sinifikanti ta' kompetizzjoni effettiva bħala riżultat ta' effetti mhux koordinati orizzontali fi:

   a. Is-suq tal-provvista bl-imnut ta' servizzi ta' aċċess fiss għall-Internet fil-Ġermanja;

   b. Is-suq ipotetiku għall-provvista bl-imnut ta' pakketti multiple play inklużi servizzi ta' telefonija fissa u servizzi ta' aċċess fiss għall-Internet fil-Ġermanja;

   c. Is-suq għall-provvista bl-ingrossa u l-akkwist ta' stazzjonijiet tat-televiżjoni u s-suq għat-trażmissjoni tas-sinjal tat-TV bl-ingrossa fil-Ġermanja.

5. Il-Kumitat Konsultattiv (15-il Stat Membru) jaqbel mal-valutazzjoni tal-Kummissjoni li t-tranżazzjoni notifikata mhix probabbli li twassal għal impediment sinifikanti għal kompetizzjoni effettiva minħabba:

   a. Effetti orizzontali mhux koordinati fis-swieq minbarra dawk indikati fil-kwistjoni 4;

   b. Effetti orizzontali koordinati;

   c. Effetti vertikali mhux koordinati;

   d. Effetti ta' konglomerat

Impenji

6. Il-Kumitat Konsultattiv (15-il Stat Membru) jaqbel mal-Kummissjoni li l-impenji finali offruti mill-Parti Notifikanti fl-11 ta' Ġunju 2019 ineħħu kull xkiel sinifikanti għall-kompetizzjoni effettiva identifikati fl-abbozz tad-Deċiżjoni.

7. Il-Kumitat Konsultattiv (15-il Stat Membru) jaqbel mal-Kummissjoni li, soġġett għall-konformità sħiħa mal-impenji finali offruti mill-Parti Notifikanti fil-11 ta' Ġunju 2019, it-tranżazzjoni notifikata ma jidhirx li se tfixkel b'mod sinifikanti l-kompetizzjoni effettiva fis-suq intern jew f'parti sostanzjali minnu.

Kompatibbiltà mas-suq intern u mal-Ftehim dwar iż-ŻEE

8. Il-Kumitat Konsultattiv (15-il Stat Membru) jaqbel mal-Kummissjoni li t-tranżazzjoni notifikata għalhekk trid tiġi ddikjarata kompatibbli mas-suq intern u mal-funzjonament tal-Ftehim ŻEE f'konformità mal-Artikolu 2(2) u 8(2) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet u l-Artikolu 57 tal-Ftehim ŻEE.

Helena LARSSON HAUG

President tal-laqgħa tal-Kumitat Konsultattiv